MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

George Cauchi
vs
Chairman Malta  Drydocks Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi  bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1994 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li gie boarded out ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej.

Ir-rikorrent dahal jahdem id-Drydocks fl-1952 bhala messaggier. Fl-1964, ir-rikorrent kien inghata promozzjoni ghal Chargehand mas-Slingers. Fl-1993, hu kien waqa' waqt ix-xoghol tieghu u lewa l-ghaksa ta' siequ x-xellugija. Ir-rikorrent ghamel ir-rapport mehtieg, gie ezaminat mit-tabib u mibghut id-dar.

Wara xi tliet xhur id-dar, it-tabib tax-xoghol kienu baghtu lura x-xoghol allavolja siequ kienet ghadha minfuha. Wara xi xahar jirrapporta ghax-xoghol u jipprova jahdem bi tbatija kbira, ir-rikorrent ma setax ikompli u kellu jmur l-isptar.

Ir-rikorrent intbaghat id-dar u mar jarah it-tabib tax-xoghol li ccertifikah li ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Wara sitt xhur minn meta kien wegga' nqatghetlu l-paga mid-Drydocks u kien infurmat li kien spiccalu s-sick leave. Ir-rikorrent ipprotesta peress li hu kien **injured on duty**. Il-kumpanija offrietlu li jew jispicca boarded out jew inkella jispicca minghajr paga.

Ir-rikorrent ma kellux triq ohra ghajr jaccetta. B'hekk hu kien gie mtellef l-injury leave ta' sena u wkoll l-opportunita` li jithallas sitt xhur sick leave u tliet xhur ohra extension tas-sick leave bil-paga shiha barra li kien imtellef l-increments u z-zidiet li kienu hargu wara li kien gie sfurzat jaccetta li jigi boarded out.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata dak kollu li hu gie mtellef ingustament u li ssirlu revizjoni tal-pensjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat Chairman Malta Drydocks, li eccepixxa:

1. Illi l-Malta Drydocks cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

2. Illi r-rikorrent kien gie trasferit mill-Ammiraljat ghal mal-Malta Drydocks fl-1959 bhala skilled labourer, u gie promoss ghal Chargeman ta' l-iskilled labourers fl-1966. Fl-1989 kien ghamel talba biex jigi trasferit minn afloat ghall-yard clearance fuq raguni medika pero` din it-talba ma gietx milqugha.

3. Illi fil-11 ta' Marzu 1993 kien irraporta li lewa siequ u pproduca injury note. Mir-records tas-sick leave ma hemm ebda indikazzjoni li huwa kien gie moghti xi hurt leave. F'Mejju 1993 pero` kien gie mibghut ghand Dr. Frederick Zammit Maempel u dan iccertifika li r-rikorrent ma kellu xejn u ordnah tajjeb ghax-xoghol.

4. Illi r-rikorrent kien beda bis-sick leave mill-4 ta' Awissu 1993 u baqa' sejjer sal-11 ta' Frar 1994 sakemm spiccalu s-sick leave. Huwa talab u inghata estensjoni ta' tlettax-il gimgha fuq paga shiha u baqa' hekk sad-29 ta' April 1994.

5. Kien ir-rikorrent stess li talab li jigi boarded out. Din il-procedura hija volontarja u ssir wara li l-impjegat iressaq it-talba tieghu quddiem il-Bord Mediku.

6. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li fl-1989 kien talab biex jigi trasferit minn afloat ghal yard clearance. Spjega li skond ir-regolamenti fit-tarzna, min ikollu hamsin sena jkun intitolat ghal dan it-trasferiment. Qal izda li minkejja li kellu 54 sena it-talba tieghu ma gietx accettata. Semma li f'Jannar 1992 kien wegga sebghu fuq il-post tax-xoghol u qal ukoll li f'Marzu 1993 waqt ix-xoghol kien rega' wegga siequ. Spjega li t-tabib tat-tarzna kien baghtu lura ghax-xoghol bhas-soltu. Hu mar ghand diversi tobba minhabba li baqa' mugugh u siequ minfuha. Kien accetta li jerga' lura x-xoghol peress li kien hemm pressjoni minn xi mghallmin li nkella jispicca barra. Izda wara li kien rega' lura ghax-xoghol kellu ugigh kbir matul il-lejl fejn kellu jmur l-isptar u kien inzamm fil-piz ghal tlett gimghat. Wara dan, hu ma rritornax lura ghax-xoghol u kien jircievi nota ta' 'injured on duty leave'. Izda wara sitt xhur qalulu li l-ghajnuna finanzjarja waqfet ghax hu kien bis-'sick leave' u mhux 'hurt'. Semma ukoll li ftit zmien wara ezaminah professur u qallu li kellu bzonn intervent mediku, inkella seta' jispicca f' wheelchair u qal li l-intervent kien irnexxa. Qal li fil-fatt hu kien gie boarded out bhala 'hurt' u meta tkellem mar-rapprezentanti tal-union, Dr. Abela kien infurmah li peress li z-zmien kien ghadda ma seta' jaghmel xejn, lanqas jiehu passi bil-Qorti. Sostna li dejjem ghamel xoghlu sew u dawn is-sensiela ta' cirkostanzi sehhu mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

In kontro ezami r-rikorrent qal li gie boarded out fl-1994 u kien hu li kien talab dan u t-talba kienet giet milqugha wara li kien spicca minghajr hlas. Hu allega li kien is-Sur Louis Spiteri li ghamillu dan minhabba l-politika.

Xehed Carmelo Abela li kien jahdem it-Tarzna u kien fil-kariga ta' slinger. Qal li r-rikorrent kien l-imghallem tieghu u dejjem ghamel xoghlu tajjeb. Qal li jiftakar li darba waqt li kienu qed jahdmu fejn it-tmun ta' vapur kien zelaq u kienu haduh l-ispizerija u kien dam ma gie lura ghax-xoghol ghal xi tlett gimghat wara. Qal li meta kien dahal lura ghax-xoghol ir-rikorrent kien qed izappap u kien jidher li mhux tajjeb ghax-xoghol.

Xehed Alfred Micallef tradesman it-tarzna, u qal li jiftakar li darba r-rikorrent mar ghandu u ra li kellu l-ghaksa minfuha u kien baghtu biex joqghod fuq ir-rack jistrieh ftit. Spjega li r-rikorrent kien qallu li wegga' fuq ix-xoghol u qal li xoghol ir-rikorrent kien ta' slinger li jislingja affarijiet tqal, kif ukoll li jaghmel l-armar. Hu kien membru tal-Kunsill tat-Tarzna imma qal li l-Kunsill ma kienx jidhol f'kazijiet ta' min iwegga' fuq ix-xoghol.

Xehed Louis Spiteri Head tat-Trainning and Development unit mat-tarzna. Semma li bejn l-1985 u l-1998 kien personnel manager. Semma li meta persuna tigi boarded out din tkun fuq bazi volontarja u mhux ikun imgieghel. Spjega wkoll li s-sick leave mhux regolat mit-tarzna izda jezisti fond li jithallsu minnu. Qal li qatt ma ltaqa' mas-Sur Coleiro tal-Union biex jitkellem dwar il-kaz tar-rikorrent. Zied ighid li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn it-tabib tat-tarzna u l-ispecjalista jew it-tabib privat.

Xehed Frans Farrugia Personnel Officer mat-tarzna li esebixxa statement tat-tabib Dr Satia Brata Das li juri l-claims li ghamel ir-rikorrent dwar sick leave u esebixxa wkoll certifikat ta' Dr. Zammit Maempel mahrug fit-8 ta' Mejju 1993 wara li kien ezamina lir-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li jinghata lura dak li tilef in segwitu ta' incident li fih wegga' u wara l-Korporazzjoni intimata ma baqghatx thallsu. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li intqal minnu fil-kawza fl-ismijiet "Vassallo Vincent vs Kalaxlokk Company Limited" deciza fid-19 ta' Ottubru 1999 fejn it-Tribunal sostna li ma hux kompetenti fil-kaz ta' danni bhala rizultat ta' incident li fih iwegga' haddiem fuq ix-xoghol. Disabilita' mhix kompetenza tat-Tribunal. Ara wkoll: Victor Bonavia vs Kummissarju tal-Pulizija 7/11/00 u Joseph Galea vs Kalxlokk Company Limited 30/1/01.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae.***

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------